**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL-*JUNIOR LYCEUM* U L-ISKOLA SEKONDARJA 2010**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL- ĦAMES KLASSI** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Taqsima A**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:** (20 marka)

1. (a) Semmi sinjal li jintuża waqt il-Griżma tal-Isqof.

______________________________ (*marka)*

(b) Agħti t-tifsira tiegħu.

______________________________ (*marka)*

2. Semmi dmir li għandhom il-ġenituri lejn l-ulied.

______________________________ (*marka)*

3. Semmi dmir li għandhom l-ulied lejn il-ġenituri.

______________________________ (*marka)*

4. Spjega b'sentenza dritt tal-ħaddiema.

______________________________ (*marka)*

5. Spjega b'sentenza dmir tal-ħaddiema.

______________________________ (*marka)*

6. Għaliex il-Knisja tqis l-abort bħala dnub gravi?

______________________________ (*marka)*

7. Semmi żewġ okkażjonijiet li fihom tkun ħaġa tajba li wieħed iqiegħed ħajtu fil-periklu.

______________________________

______________________________(2 *marki)*

8. X'inhi 'enċiklika'? Agħti l-isem ta' enċiklika u għid fuqhiex titkellem.

______________________________

______________________________(2 *marki)*

9. Agħżel **tlieta** minn dawn li ġejjin u fisser għaliex kull waħda hi nuqqas ta' stima u rispett lejn il-ħajja.

Droga, alkoħol, sewqan eċċessiv, ikel żejjed jew nieqes, tipjip.

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________(3 *marki)*

10. Għaliex il-Knisja tqim lill-Madonna bħala:

(a) Omm Alla

(b) l-Immakulata Kunċizzjoni

(ċ) l-Assunta (Santa Marija)

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________(3 *marki)*

11. X'għandhom iqisu l-ħaddiema u l-mexxejja tagħhom qabel jordnaw strajk?
(Semmi tliet punti)

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________(3 *marki)*

**Taqsima B** (14–il marka)

**"Minflok jissieħeb ma' Alla fil-ħolqien, il-bniedem ipprova jqiegħed lilu nnifsu flok Alla, u spiċċa biex qajjem irvell fin-natura: aktar milli jiżviluppaha, qiegħed jaħkimha bħala tirann."** ***(Centesimus Annus, para 37)***

**<u>Aħseb ftit fuq dak li tgħallimt dwar l-ambjent u l-ekoloġija u wieġeb dawn il-mistoqsijiet</u>.**

1. Agħti żewġ eżempji kif il-bniedem jista' jissieħeb ma' Alla biex jiżviluppa l-ħolqien.

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________(2 *marki)*

2. Agħti żewġ eżempji kif il-bniedem qiegħed jeqred il-ħolqien ta' Alla bit-tniġġis.

___________________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________________(2 *marki)*

3. Għaliex il-Katekiżmu tal-Knisja jqis it-tniġġis bħala dnub?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(3 *marki)*

4. F'liema storja mill-Bibbja Alla jordna lill-bniedem biex jiżviluppa u jħares l-ambjent?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 *marki)*

5. X'nifhmu bi żvilupp sostenibbli u bbilanċjat?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(3 *marki)*

6. Agħti żewġ eżempji ta' żvilupp sostenibbli li tixtieq tara aktar f'Malta.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(2 *marki)*

**Taqsima Ċ**

**X'messaġġ ried iwassal Ġesù b'dan il-kliem?** (16–il marka)

1. "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu. Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema." (Mt 6,19-20)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(4 *marki)*

2. "Tassew ngħidilkom li kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." (Mt 25, 40)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(4 *marki)*

3. "Żewġ għasafar tal-bejt mhux b'ħabba jinbiegħu? U b'danakollu anqas wieħed minnhom ma jaqa' fl-art mingħajr ir-rieda ta' missierkom. Mela xejn la tibżgħu; intom aqwa minn ħafna għasafar tal-bejt." (Mt 10, 29-31)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 *marki)*

4. "Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu lil xulxin." (Ġw 13, 34)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 *marki)*

**Taqsima D**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet minn 1 sa 4 u wieġeb fit-tul**. (2 x 25 marka)

1. **"F'idejn Alla hi ħajjet kulma jgħix, f'idejh nifs il-ħajjin kollha." (Ġob 12, 10)**

   (a) Uri kif Ġesù wera rispett kbir lejn il-ħajja:
   (i) fit-tagħlim tiegħu
   (ii) bil-mirakli tiegħu *(2 x 6 marki)*

   (b) Ġesù ried li l-Knisja tkompli l-ħidma tiegħu favur il-ħajja permezz tas-Sagrament tal-Morda. Għaliex nemmnu li dan is-sagrament jagħti ħajja ġdida u fejqan lill-morda? *(8 marki)*

   (ċ) Ikteb madwar 50 kelma dwar il-ħajja ta' qaddisin jew beati li wrew rispett kbir lejn il-ħajja. *(5 marki)*

2. **"Jien___________ nieħu lilek _____________ b'marti/żewġi u nwiegħdek li nżomm ruħi fidil lejk fir-risq tajjeb u ħażin, fil-mard u fis-saħħa u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha."**

   (a) Kif għandhom iħobbu lil xulxin il-miżżewġin? *(5 marki)*

   (b) Għid liema huma u fisser iż-żewġ għanijiet taż-żwieġ Nisrani. *(8 marki)*

   (ċ) Xi jwiegħdu l-għarajjes quddiem Alla u quddiem il-Knisja fil-kunsens taż-żwieġ? *(6 marki)*

   (d) X'jista' jfixkel lill-miżżewġin milli jżommu l-wegħdiet tagħhom? *(6 marki)*

3. **“Għax Hu jħallas ’il-bniedem skont ħidmietu, lil kull wieħed skont ma jġib ruħu.”**
**(Ġob 34, 11)**

(a) Fisser kif ix-xogħol hu:
(i) mezz ta’ żvilupp tagħna nfusna.
(ii) mezz ta’ żvilupp tas-solidarjetà bejn il-bnedmin.
*(8 marki)*

(b) Kif jistgħu l-ħaddiema juru (i) onestà, (ii) ġustizzja u (iii) fraternità fuq il-post tax-xogħol? Agħti eżempji**.**
*(9 marki)*

(ċ) Kif għandhom iż-żgħażagħ fil-klassijiet il-kbar tal-iskejjel sekondarji jrawmu fihom it-tliet kwalitajiet f’mistoqsija (b)? Agħti eżempji.
*(8 marki)*

4. **“Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu.” (Gal 3, 26-27)**

(a) Fisser kif, bil-Magħmudija, insiru:
(i) ulied Alla
(ii) werrieta ta’ Alla
(iii) tempji tal-Ispirtu s-Santu *(9 marki)*

(b) X’tifsira għandhom:
(i) l-ilma
(ii) iż-żejt
waqt il-Magħmudija? *(4 marki)*

(ċ) Għaliex fil-Magħmudija il-missier jixgħel ix-<u>xemgħa</u> mill-blandun, u s-saċerdot ipoġġi <u>libsa bajda</u> fuq it-tarbija?
*(4 marki)*

(d) Meta naslu għall-adoloxxenza, nirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. X’rabta hemm bejn is-sagrament tal-Magħmudija u s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof?
*(8 marki)*